XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 398*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 26*
*Il-Ġimgħa 9 ta' Ottubru, 2009*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7.15pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku* |
| | *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku* |
| | *Dr. Marthese Portelli* |
| | *Mr Hubert Saliba* |
| *Skużat:* | *Mr. Teddy Mizzi* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Numru 397 u ġew approvati unanimament.*

## 1. Mill-Minuti

**Minuti 397, Paġna 2, Materja Oħra i :-** Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li x-xogħol li kellu jsir dwar periklu li kien hemm fi Triq Kav. L. Z. Haber kien sar.

**Minuti 397, Paġna 2, Materja Oħra ii :-** Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet resqet għall-attenzjoni tal-Kumitat Konġunt l-ilmenti li kelna dwar ħmeig tal-annimali fit-toroq. Il-Gwardjani Lokali diġa qed jieħdu l-passi meħtieġa.

**Minuti 397, Paġna 2, Materja Oħra iv :-** Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li residenti li joqghodu fl-inħawi ta' Triq Ta' Ġokk qalulha li l-marki tat-traffiku li saru fl-istess inħawi kienu bżonjużi u ssolvew il-problemi tat-traffiku li kien hemm qabel.

## 2. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-19

## 3. Offerta dwar tindif ta' toroq urbani

Il-Kunsill irċieva tlett offerti li huma ta' Buġeja Bros (Gozo) Ltd (€20,999), ta' Jeffrey Farrugia (€9,200) u ta' Joseph Attard obo Xewkija Tigers FC (€11,640). Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta iżda ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni. Il-Kunsill qabel li jerġa' jiddiskuti din l-offerta fil-laqgħa li jmiss.

## 4. Ġemellaġġ

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar possibilta ta' ġemellaġġ. Is-Sindku qalet li aktar kmieni kellha laqgħa mas-Sur Saviour Tabone, Surmast tal-iskola primarja tax-Xewkija dwar kuntatti li hemm bejn l-iskola tagħna u skola oħra fi Susa, l-Italja. Fl-istess lokalita hemm ukoll skola sekondarja.

Is-Segretarju Eżekuttiv għadda kopja tal-Avviż Legali 144 tal-2009 lill-membri kollha. Dan l-avviż legali jitratta dwar il-ġemellaġġi u b'hekk il-membri kollha huma ggwidati kif għandu jitmexxa ġemellaġ.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nibdew il-proċeduri u l-kuntatti meħtieġa biex dan il-ġemellaġġ ikun jista' jsir fil-futur. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku sabiex tkun inkarigata minn dan il-ġemellaġġ. Is-Sindku filwaqt li aċċettat li tkun responsabbli minn dan il-ġemellaġġ qalet li taprezza l-għajnuna tal-membri kollha tal-Kunsill.

## 5. Materja oħra

i. Is-Sindku pproponiet li niktbu ittra lil Sarah Bonnici fejn nifirħulha tas-suċċess li kisbet fil-Malta Junior Song for Europe. Sarah ikklassifikat fit-tielet post. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

ii. Is-Sindku pproponiet li niktbu ittra lil Magro Group Ltd li qed ifakkru l-75 anniversarju b'diversi attivitajiet, fejn nissuġġerixxu biex jirregalaw lill-poplu tax-Xewkija b'Maltese Clock biex jitpoġġa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

iii. Esther Bajada li toqgħod f'86, Triq San Bert talbet biex isir ftit patching fl-istess triq peress li qed iżomm l-ilma tax-xita. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li huwa kien mar jara fuq il-post u qal li hemm ħofra li saret peress li xi snin ilu għadda xi servizz taħt l-art u għalhekk maż-żmien it-triq reġgħet niżlet. Il-Kunsill qabel li nasfaltaw din il-ħofra bil-cold asphalt.

iv. Anthony Mercieca talab lill-Kunsill biex jikteb ittra lill-Mepa fejn jgħid li ma jsibx oġġezzjoni dwar biċċa art fi Triq Ta' Ħamet biex tintuża bħala bitħa fejn jitpoġġew vetturi kbar. Il-Kunsill qabel li l-ewwel għandha ssir talba bil-miktub minn naħa tal-Mepa fejn jinfurmawna xi żvilupp huwa propost u b'hekk wara l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni jekk għandux joġġezzjona jew le.

v. Lino Camilleri li joqgħod f'38 Triq Ħaġret L-Armi, ilmenta dwar sewqan eċċessiv fi Triq Ħamrija. Huwa talab sabiex it-traffiku jiġi kkontrollat aħjar. Il-Kunsill huwa konxju minn din il-problema u fil-fatt kiteb diversi drabi lill-Awtoritajiet konċernati dwar dan. Triq Ħamrija hija triq arterja u għalhekk fir-responsabilta tal-Ministeru Għal Għawdex u tal-ADT. Għalkemm din hija triq arterja, l-Kunsill kien qabbad lill-Perit Saliba biex jagħmel pjanti dwar proposta tat-traffiku fl-istess triq (f'salib it-toroq bejn Triq Ħamrija, Triq Sannat, Triq Taflija u Triq Għajn Qatet). Sfortunatament dawn il-proposti għadhom pendenti quddiem l-ADT u għalhekk ma jista' jsir xejn qabel ikolna l-approvazzjoni tagħhom. Minn naħa tal-Ministeru għal Għwdex, minkejja li din l-

problema issemmiet ukoll f'laqgħat li kelna mal-Ministru Għal Għawdex xi snin ilu, għadu lanqas sar xejn biex il-problema tiġi solvuta. Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu nibgħatu ittra lill-Ministru Għal Għawdex u lill-ADT biex jittieħdu l-passi meħtieġa biex isir traffic management fi Triq Ħamrija u b'hekk jiġu evitati aktar inċidenti tat-traffiku f'din it-triq.

vi. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien attenda l-Mepa għall-appell dwar tal-Waste Transfer Station li l-Wasteserv Ltd qed tapplika biex tibni fl-inħawi tal-Kus. L-appell ġie differit għas-27 ta' Novembru 2009.

vii. **<u>Jum ix-Xewkija:-</u>** Kif kien diġa qabel fl-aħħar laqgħa l-Kunsill qed jaħdem fuq l-attivitajiet li se jiġu organizzati biex jiġi mfakkar Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li għal darb'oħra norganizzaw l-kampanja edukattiva l-Ktieb Teżor. Il-Kunsill qabel ukoll li l-programm tat-28 ta' Novembru isir fis-sala tal-Kulleġġ ta' Għawdex, Primarja Xewkija. Għal-ewwel darba il-Kunsill se jorganizza l-Kunsill Lokali tat-Tfal bis-sehem tat-tfal tal-iskola. Il-Kunsill se jagħti baġit lit-tfal biex iwettqu proġett fl-iskola tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandna naħdmu biex dawn l-attivitajiet u oħrajn ikunu jistgħu jsiru.

viii. Il-Kunsillier Hubert Saliba qal li l-bankina fejn hemm il-ħanut Toolmart għandha bżonn titranġa bis-siment. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir mill-WD.

ix. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li fl-24 ta' Settembru kienet attendiet għal-laqgħa għas-Sindki organizzata mill-Meusac. Il-Laqgħa saret fil-Calypso Hotel.

x. Is-Sindku nfurmat li attendiet għal-laqgħa pubblika li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill tax-Xewkija nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru minn Dr Daniele Fantechi dwar programmi tal-Unjoni Ewropeja. Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Eżekuttiv. Matul din il-laqgħa ġie diskuss il-proġett tal-Park Reġjonali ta' Mġarr ix-Xini. Fost affarijiet oħra ġie suġġerit li għandna nitolbu biex issir laqgħa flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Sannat u l-Gozo Action Group. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu biex issir din il-laqgħa.

**<u>6. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**
**Mill-Korrispondenza**

i. Il-Kunsill irċieva r-rapport dwar l-effiċjenza tal-Kunsilli Lokali (Memo 60/2009). Il-Kunsill evalwa r-riżultati miksuba u qabel li għandna naħdmu flimkien biex intejbu l-effiċjenza tal-Kunsill speċjalment fejn tidħol l-indafa tar-raħal in ġenerali.

ii. Memo 51/2009 tittratta dwar skemi ta' inizjattivi sportivi. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw għal din l-iskema ta' fondi speċjali. Il-Kunsill qabel li naplikaw għal programmi ta' Pilates, Aerobics u General Fitness.

iii. Laurie Zammit, f'isem KIP Għawdex Ltd, ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill javża lil dawk kollha li għandhom xi stabbiliment kummerċjali li l-iskart tagħhom mhux ser jibqa' jinġabar mill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan is-suġġett u qabel li għandna

nistennew struzzjonijiet minn għand id-Dipartiment Għall-Gvern Lokali qabel jsiru xi avviżi.

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru, 2009 fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |